# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 9 ta' Novembru, 2001

## Avviz numru : 25/2001GT(GM)

**George Bonello**

**vs**

**Joseph Brignoli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:**

**"Jghid il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u sitt centezmi (Lm127.06c) skond invoice datata 20 ta' April 2000 u sebgha u sebghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm77.78c) skond invoice ohra datata 11 ta' Mejju 2000 li jammontaw ghas somma ta' mitejn u erbgha liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm204.84) flimkien mal-interessi fuq din is-somma mill-11 ta' Mejju 2000 sad-data tal-hlas effettiv, ammont dovut fuq merkanzija li giet ikkonsenjata lilhu fuq struzzjonijiet tieghu stess.**

**Ihallas ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja mibghuta lilu fis-27 ta' Gunju 2001."**

**Ra r-riferta pozittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fis-16 ta' Ottubru, 2001 u dik tal-lum 9 ta' Novembru, 2001 .**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokumenti esibiti;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' Lm 204.84c bl-imghax legali mill-11 ta' Mejju 2000 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Gunju 2001 a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**